2024/2170

23.8.2024

DEĊIŻJONI Nru 1/2024 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

tas-16 ta' Mejju 2024

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 1/2023 [2024/2170]

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([1]) ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 164(4)(e) tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 5(2) tal-Qafas ta' Windsor ([2]),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tiegħu ("il-Kumitat Konġunt") huma vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit iridu jimplimentaw tali deċiżjonijiet, li jkollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

(2) Skont l-Artikolu 182 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Qafas ta' Windsor jifforma parti integrali minn dak il-Ftehim.

(3) Fir-rigward tal-moviment tal-merkanzija, l-Artikolu 5(2) tal-Qafas ta' Windsor jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt li jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li skonthom l-ipproċessar ma għandux jitqies bħala pproċessar kummerċjali u l-kriterji biex jitqies li merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq minn barra l-Unjoni ma tkunx f'riskju li sussegwentement tiddaħħal fl-Unjoni.

(4) Huwa mixtieq li jittejjeb it-tħaddim tal-iskemi stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 1/2023 ([3]), fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tar-Renju Unit fir-rigward tal-importazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq tal-merkanzija speċifikata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, li għandha tiżdied bħala l-Anness V tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 1/2023.

(5) Huwa għalhekk xieraq li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 1/2023 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt Nru 1/2023 hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 6, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-ipproċessar isir fl-Irlanda ta' Fuq u huwa għall-iskop uniku ta':

(i) bejgħ ta' ikel lil konsumatur aħħari fir-Renju Unit;

([1]) ĠU UE L 29, 31.1.2020, p. 7.

([2]) Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jissejjaħ il-Qafas ta' Windsor skont id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 (ĠU UE L 102, 17.4.2023, p. 87).

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 li tistabbilixxi l-arranġamenti relatati mal-Qafas ta' Windsor (ĠU UE L 102, 17.4.2023, p. 61).

(ii) kostruzzjoni, fejn il-merkanzija pproċessata tkun se tifforma parti permanenti minn struttura li tkun mibnija u li tinsab fl-Irlanda ta' Fuq mill-importatur jew minn entità sussegwenti waħda;

(iii) forniment dirett lir-riċevitur tas-servizzi tas-saħħa jew tal-kura fl-Irlanda ta' Fuq mill-importatur jew minn entità sussegwenti waħda;

(iv) attivitajiet mhux bi skop ta' qligħ fl-Irlanda ta' Fuq mill-importatur jew minn entità sussegwenti waħda, fejn ma jkun hemm l-ebda bejgħ sussegwenti tal-merkanzija pproċessata;

(v) l-użu finali tal-għalf tal-annimali fi stabbilimenti li jinsabu fl-Irlanda ta' Fuq mill-importatur jew minn entità sussegwenti waħda; jew

(vi) il-bejgħ lil konsumatur finali fir-Renju Unit jew l-użu minnu ta' oġġetti elenkati fl-Anness V.".

2. L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

a. il-paragrafu 1(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' merkanzija li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' trasport dirett mhux mill-Unjoni jew minn xi parti oħra tar-Renju Unit:

(i) id-dazju pagabbli skont it-Tariffa Doganali Komuni tal-Unjoni jkun daqs jew inqas mid-dazju pagabbli skont it-tariffa doganali tar-Renju Unit;

(ii) l-importatur ikun ġie awtorizzat f'konformità mal-Artikoli 9 sa 11 ta' din id-Deċiżjoni biex idaħħal dik il-merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq biex tinbiegħ lill-konsumaturi aħħarin fl-Irlanda ta' Fuq jew għall-użu finali tagħha minnhom (inkluż meta dik il-merkanzija tkun ġiet soġġetta għal ipproċessar mhux kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni qabel tinbiegħ lill-konsumaturi aħħarin jew l-użu finali tagħha), u d-differenza bejn id-dazju pagabbli skont it-Tariffa Doganali Komuni tal-Unjoni u d-dazju pagabbli skont it-tariffa doganali tar-Renju Unit tkun inqas minn 3 % tal-valur doganali tal-merkanzija; jew

(iii) fir-rigward tal-merkanzija elenkata fl-Anness V, l-importatur ikun ġie awtorizzat f'konformità mal-Artikoli 9 sa 11 ta' din id-Deċiżjoni biex idaħħal din il-merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq biex tinbiegħ lill-konsumaturi aħħarin fir-Renju Unit jew għall-użu finali tagħha minnhom, (inkluż meta din il-merkanzija kienet soġġetta għal ipproċessar mhux kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni qabel tinbiegħ lill-konsumaturi aħħarin jew l-użu finali tagħha minnhom) u,

(aa) kemm ir-rati tad-dazju fil-kwota kif ukoll dawk barra mill-kwota ddeterminati abbażi tat-Tariffa Doganali Komuni tal-Unjoni u tat-tariffa doganali tar-Renju Unit huma dawk stabbiliti fl-Anness V;

(bb) l-importatur ikun applika għal aċċess għal kwota tariffarja rilevanti tar-Renju Unit, li tista' tingħata skont it-tariffa doganali fil-kwota tar-Renju Unit stabbilita fl-Anness V soġġetta għal (cc); kif ukoll

(cc) il-kwantità tal-merkanzija li tkun qed tiġi importata, meta aggregata mal-kwantità tal-merkanzija taħt in-numru tal-ordni tal-kwota rilevanti li tiddaħħal fl-Irlanda ta' Fuq f'dik is-sena skont dan il-paragrafu, ma taqbiżx il-kwantità għall-merkanzija taħt in-numru tal-ordni tal-kwota rilevanti stabbilit fl-Anness V.";

b. il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Il-paragrafi 1(a)(i), 1(a)(iii) u 1(b)(i) ma għandhomx japplikaw għall-merkanzija msemmija fil-paragrafu (1)(b)(iii).

3. Il-paragrafi 1(a)(ii) u 1(a)(iii) u 1(b)(ii) ma għandhomx japplikaw għall-merkanzija soġġetta għal miżuri ta' difiża tal-kummerċ adottati mill-Unjoni.";

c. jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "pakkett" tfisser pakkett li jkun fih:

(a) merkanzija, minbarra oġġett ta' korrispondenza, b'piż gross totali ta' mhux aktar minn 31,5 kg; jew

(b) oġġett wieħed ta' merkanzija, għajr oġġett ta' korrispondenza, b'piż gross totali ta' mhux aktar minn 100 kg, fir-rigward ta' tranżazzjoni kummerċjali.".

3. L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

a. il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-Artikolu 7(1)(a)(ii), l-Artikolu 7(1)(b)(ii), u l-Artikolu 7(1)(b)(iii) ta' din id-Deċiżjoni, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex tiddaħħal merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq permezz ta' trasport dirett għall-bejgħ lill-konsumaturi aħħarin jew għall-użu finali tagħha minnhom għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit.";

b. il-paragrafi 4 sa 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Għall-fini tal-Artikolu 7(1)(b) (iii), l-applikazzjoni għandu jkun fiha dikjarazzjoni tal-intenzjoni tal-applikant li jċaqlaq il-merkanzija skont dik id-dispożizzjoni u informazzjoni dwar il-kwantitajiet annwali ppjanati u l-kategoriji rilevanti ta' xerrejja fir-Renju Unit. Barra minn hekk, mhux aktar tard minn 6 ġimgħat wara t-tmiem ta' kull perjodu annwali tal-kwota (speċifikat fl-Anness V) l-applikant għandu jipprovdi:

(a) il-kwantità ta' merkanzija li d-detentur tal-awtorizzazzjoni ċaqlaq skont l-Artikolu 7(1)(b) (iii) fl-aħħar perjodu annwali tal-kwota, kif ukoll il-kategoriji rilevanti ta' xerrejja fir-Renju Unit għal dak il-perjodu; kif ukoll

(b) il-kwantità ta' merkanzija li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jippjana li jċaqlaq skont l-Artikolu 7(1)(b) (iii) fil-perjodu annwali tal-kwota attwali, kif ukoll il-kategoriji rilevanti ta' xerrejja mistennija fir-Renju Unit għal dak il-perjodu.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni dwar deċiżjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali għandhom japplikaw għall-applikazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, inkluż fir-rigward tal-monitoraġġ.

6. F'każijiet fejn l-awtorità doganali kompetenti tar-Renju Unit tosserva użu ħażin intenzjonat ta' awtorizzazzjoni jew ksur tal-kondizzjonijiet għal awtorizzazzjoni stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, l-awtorità għandha tissospendi jew tirrevoka l-awtorizzazzjoni.";

c. jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jitolbu li l-awtorità doganali kompetenti tar-Renju Unit tivverifika awtorizzazzjoni speċifika. L-awtorità doganali kompetenti tar-Renju Unit se tieħu l-passi xierqa bi tweġiba għal tali talba u se tipprovdi informazzjoni dwar l-azzjoni meħuda fi żmien 30 jum.".

4. L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

Kondizzjonijiet ġenerali għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni

Għall-finijiet tal-Artikolu 7(1)(a)(ii), l-Artikolu 7(1)(b)(ii), u l-Artikolu 7(1)(b)(iii) ta' din id-Deċiżjoni, tista' tingħata awtorizzazzjoni lill-applikanti li:

(a) jissodisfaw il-kriterji ta' stabbiliment li ġejjin:

(i) ikunu stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq jew ikollhom post fiss ta' negozju fl-Irlanda ta' Fuq:

— fejn ikun hemm preżenza permanenti ta' riżorsi umani u tekniċi; kif ukoll

— li minnu l-merkanzija tinbiegħ, jew tiġi pprovduta għall-użu finali, lill-konsumaturi aħħarin; kif ukoll

— fejn informazzjoni u rekords doganali, kummerċjali u tat-trasport ikunu disponibbli jew aċċessibbli fl-Irlanda ta' Fuq, jew

(ii) ikunu stabbiliti f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq u jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

— l-operazzjonijiet tagħhom relatati mad-dwana jitwettqu fir-Renju Unit; kif ukoll

— ikollhom rappreżentant doganali indirett fl-Irlanda ta' Fuq; kif ukoll

— ir-rekords u l-informazzjoni doganali, kummerċjali u tat-trasport tagħhom ikunu disponibbli jew aċċessibbli fir-Renju Unit għall-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit u għar-rappreżentanti tal-Unjoni għall-verifika tal-konformità mal-kondizzjonijiet u mal-impenji mogħtija skont din id-Deċiżjoni; kif ukoll

(b) jintrabtu li jġibu merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq biss għall-bejgħ lill-konsumaturi finali jew għall-użu finali tagħha minnhom fir-Renju Unit, inkluż meta din il-merkanzija tkun ġiet soġġetta għal ipproċessar mhux kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni qabel il-bejgħ tagħha lill-konsumaturi aħħarin jew l-użu finali tagħha minnhom fir-Renju Unit; u, fil-każ ta' bejgħ lill-konsumaturi aħħarin fl-Irlanda ta' Fuq, jimpenjaw ruħhom li l-bejgħ se jsir minn ħanut fiżiku wieħed jew aktar fl-Irlanda ta' Fuq li minnu jsir il-bejgħ direct fiżiku lill-konsumaturi aħħarin.".

5. Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-Artikolu 7(1)(a)(ii), l-Artikolu 7(1)(b)(ii), u l-Artikolu 7(1)(b)(iii) ta' din id-Deċiżjoni, awtorizzazzjoni biex tiddaħħal merkanzija fl-Irlanda ta' Fuq għandha tingħata biss lill-applikanti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 ta' din id-Deċiżjoni kif ukoll il-kondizzjonijiet li ġejjin, kif spjegat aktar fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni:

(a) l-applikant jistqarr li se jiddikjara għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera il-merkanzija li tidħol fl-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 7(1)(a)(ii), l-Artikolu 7(1)(b)(ii), jew l-Artikolu 7(1)(b)(iii) ta' din id-Deċiżjoni;

(b) fi żmien 3 snin qabel l-applikazzjoni, l-applikant ma jista' jkun wettaq l-ebda ksur serju jew ksur ripetut tal-leġiżlazzjoni doganali u r-regoli fiskali u ma jista' jkollu l-ebda rekord ta' reati kriminali serji relatati mal-attività ekonomika tiegħu;

(c) fir-rigward ta' merkanzija li trid tiġi ddikjarata bħala mhux f'riskju, l-applikant għandu juri li għandu livell għoli ta' kontroll tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-fluss tal-merkanzija, permezz ta' sistema ta' ġestjoni ta' rekords kummerċjali u, fejn xieraq, rekords tat-trasport, li tippermetti kontrolli xierqa u l-għoti ta' evidenza bħala sostenn għall-impenn fl-Artikolu 10(b) ta' din id-Deċiżjoni;

(d) l-applikant ikun f'qagħda finanzjarja tajba matul il-perjodu ta' 3 snin qabel l-applikazzjoni, jew fil-perjodu mill-istabbiliment tiegħu fejn dan ikun inqas minn 3 snin, b'tali mod li l-applikant ikun jista' jissodisfa l-impenji tiegħu, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-karatteristiċi tat-tip ta' attività kummerċjali kkonċernata;

(e) jenħtieġ li l-applikant ikun kapaċi juri fehim ċar tal-obbligi tiegħu skont din l-awtorizzazzjoni u fir-rigward tal-movimenti ta' merkanzija taħt l-iskema u kif jikkonforma magħhom.".

6. Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fuq talba tar-rappreżentanti tal-Unjoni msemmija fid-Deċiżjoni Nru 6/2020 tal-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u fil-każ ta' (a) mill-inqas darbtejn fis-sena u fil-każ ta' (b) mill-inqas darba fis-sena fi tmiem kull perjodu annwali tal-kwota, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom jipprovdu lil dawn ir-rappreżentanti:

(a) informazzjoni aggregata u skont il-formola tal-awtorizzazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 9 sa 12 ta' din id-Deċiżjoni, inkluż l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet aċċettati, miċħuda u revokati, u l-post tal-istabbiliment tad-detenturi tal-awtorizzazzjoni; kif ukoll

(b) fil-każ ta' merkanzija ttrasportata skont l-Artikolu 7(1)(b)(iii), għal kull awtorizzazzjoni u għal kull numru tal-ordni tal-kwota, informazzjoni dwar il-kwantità utilizzata matul il-perjodu annwali tal-kwota u l-kwantità li tkun għadha disponibbli fi tmiem dak il-perjodu kif ukoll informazzjoni aggregata dwar il-bejgħ jew l-użu ta' tali oġġetti b'referenza għall-kategoriji rilevanti ta' xerrejja fir-Renju Unit.".

7. Fl-Artikolu 15, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"5. Il-Kumitat Konġunt għandu jirrevedi l-Anness V fuq talba ta' waħda mill-Partijiet.

6. Kull Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra mingħajr dewmien dwar il-bidliet ippjanati fir-rati tad-dazju fil-kwota jew barra mill-kwota applikabbli għall-prodotti elenkati fl-Anness V.".

8. It-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jiżdied bħala l-Anness V.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2024.

Għall-Kumitat Konġunt

Il-Kopresidenti

David CAMERON Maroš ŠEFČOVIČ

ANNESS

""ANNESS V

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
Ħaruf	05.2011 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71	L-Arġentina	117 300 (piż tal-karkassa)	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/ 100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/ 100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/ 100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/ 100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru
	05.2101 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2102 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.9700	0204.10 0204.21 0204.22 0204.23 0204.30 0204.41 0204.42 0204.43 0210.99.21 0210.99.29 1602.90.91	L-Awstralja	305 660	Mhux applikabbli	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/ 100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/ 100 kg Għal 02109921 = EUR 222,70/ 100 kg nett Għal 02109929 = EUR 311,80/ 100 kg nett Għal 16029091 = 12,80 %	Minn 12,00 % + GBP 75,00/ 100 kg sa 12,00 % + GBP- 260,00/ 100 kg, jew minn GBP 186,00/ 100 kg sa GBP 260,00/ 100 kg, Jew 12,00 %	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru
	05.2012 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71		486 692 (piż tal-karkassa)	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/ 100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/ 100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/ 100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/ 100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.2105 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2106 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								
	05.2017 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71	Il-Bożnija-Ħerzegovina	13 200 (piż tal-karkassa)	Mhux applikabbli	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2170/oj

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.2018 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2020 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								
	05.1922 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71	Iċ-Ċilì	45 120 (piż tal-karkassa)	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.2115 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2116 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								
	05.0690 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71	Il-Gżejjer Faeroe	90 (piż tal-karkassa)	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.2129 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2130 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								
	05.0693 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71	Greenland	1 560 (piż tal-karkassa)	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.2125 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2126 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								
	05.0833 (*Subkwoti amministrati taħt 05.0833*) 05.0790 05.2119 05.2120	0204 0210.99.21 0210.99.29 0210.99.85.10	L-Iżlanda	20 760	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg Għal 02109921 = EUR 222,70/100 kg nett Għal 02109929 = EUR 311,80/100 kg nett Għal 0210998510 = 15,40 %	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg, Jew minn GBP 186,00/100 kg sa GBP 260,00/100 kg, Jew 14,00 %	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.2013 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71	New Zealand	2 863 940 (piż tal-karkassa)	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg, Jew minn GBP 186,00/100 kg sa GBP 260,00/100 kg, Jew 12,00 %	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru
	05.2109 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2110 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.9721 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0210.99.21 1602.90.91	New Zealand	350 000 (piż tal-karkassa)	Mhux applikabbli	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg 12,80 % għan-NM 1602.90.91	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg, Jew minn GBP 186,00/100 kg sa GBP 260,00/100 kg, Jew 12,00 %	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru
	05.9722 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10 0210.99.29								
	05.9723 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90								
	05.2021 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71	Il-Maċedonja ta' Fuq	27 150 (piż tal-karkassa)	Mhux applikabbli	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.2022 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2023 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								
	05.0227 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71	It-Turkija	990 (piż tal-karkassa)	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.2131 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2132 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								
	05.2014 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71	L-Urugwaj	31 230 (piż tal-karkassa)	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2170/oj

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.2111 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2112 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								
	05.2016 (Ko-effiċjenza = 1,00)	0204.10 0204.21 0204.22 0204.30 0204.41 0204.42 0204.50.11 0204.50.13 0204.50.15 0204.50.19 0204.50.31 0204.50.51 0204.50.53 0204.50.55 0204.50.59 0204.50.71	Pajjiżi minbarra l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea	660 (piż tal-karkassa)	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 90,20/100 kg sa 12,80 % + EUR 311,80/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 75,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 260,00/100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.2178 (Ko-effiċjenza = 1,67)	0204.23.00.11 0204.23.00.91 0204.43.10.00 0204.50.39.10 0204.50.79.10								
	05.2179 (Ko-effiċjenza = 1,81)	0204.23.00.19 0204.23.00.99 0204.43.90.00 0204.50.39.90 0204.50.79.90								
Ċanga	05.4450	0201.30.00.31 0201.30.00.39 0206.10.95.11 0206.10.95.15	L-Arġentina	3 330	20,00 %	20,00 %	12,80 % + EUR 304,10/ 100 kg	12,00 % + GBP 253,00/ 100 kg	1 ta' Lulju	30 ta' Ġunju
	05.4001	0202.30.90.47 0202.30.90.48	L-Awstralja	25 350	20,00 %	20,00 %	12,80 % + EUR 304,10/ 100 kg	12,00 % + GBP 254,00/ 100 kg	1 ta' Lulju	30 ta' Ġunju

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2170/oj

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.4451	0201.20.90.11 0201.20.90.15 0201.30.00.31 0201.30.00.39 0202.20.90.11 0202.20.90.15 0202.30.10.11 0202.30.10.15 0202.30.50.11 0202.30.50.15 0202.30.90.11 0202.30.90.15 0206.10.95.11 0206.10.95.15 0206.29.91.11 0206.29.91.15 0206.29.91.21 0206.29.91.29		112 830	20,00 %	20,00 %	Minn 12,80 % + EUR 221,10/ 100 kg sa 12,80 % + EUR 304,10/ 100 kg	Minn 12,00 % + GBP 185.00/ 100 kg sa 12,00 % + GBP 254,00/ 100 kg	1 ta' Lulju	30 ta' Ġunju
	05.4970	0201 0202 0206.10.95 0206.29.91 0210.20 0210.99.51 0210.99.59 1602.50 1602.90.61 1602.90.69		433 330	Mhux applikabbli	Żero	Minn 12,80 % + EUR 221,10/ 100 kg sa 12,80 % + EUR 304,10/ 100 kg 160250 = 16,60 % jew EUR 304,10/ 100 kg 16029061 = EUR 304,10/ 100 kg 16029069 = 16,60 %	Minn 12,00 % + GBP 147,00/ 100 kg sa 14,00 % + GBP 253,00/ 100 kg, Jew GBP 253,00/ 100 kg, Jew 16,00 %	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.4453	0201.30.00.31 0201.30.00.39 0202.30.90.11 0202.30.90.15 0206.10.95.11 0206.10.95.15 0206.29.91.11 0206.29.91.15 0206.29.91.21 0206.29.91.29	Il-Brażil	68 002	20,00 %	20,00 %	Minn 12,80 % + EUR 221,10/100 kg sa 12,80 % + EUR 304,10/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 253,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 254,00/100 kg	1 ta' Lulju	30 ta' Ġunju
	05.8400	0201.10.00.21 0201.10.00.92 0201.10.00.97 0201.20.20.21 0201.20.20.92 0201.20.20.97 0201.20.30.21 0201.20.30.92 0201.20.30.97 0201.20.50.21 0201.20.50.92 0201.20.50.97 0201.20.90.11 0201.20.90.91 0202.10.00.11 0202.10.00.91	Il-Kanada	2 505	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 221,10/100 kg sa 12,80 % + EUR 304,10/100 kg jew 15,40 % + EUR 303,40/100 kg Jew 12,80 %	Minn 12,00 % + GBP 118,00/100 kg sa 14,00 % + GBP 253.00/100 kg, jew 12,00 %	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
		0202.20.10.11 0202.20.10.91 0202.20.30.11 0202.20.30.81 0202.20.30.83 0202.20.30.85 0202.20.30.87 0202.20.50.11 0202.20.50.91 0202.20.90.11 0202.20.90.91 0206.10.95.11 0206.10.95.91								
		0206.29.91.11 0206.29.91.21 0206.29.91.33 0206.29.91.37 0206.29.91.41 0206.29.91.44 0206.29.91.51 0206.29.91.61 0206.29.91.71 0206.29.91.91 0210.20.10.10 0210.99.51.10 0210.99.59.10								

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.8401	0201.30.00.31 0201.30.00.41 0202.30.10.11 0202.30.10.81 0202.30.10.83 0202.30.10.85 0202.30.10.87 0202.30.50.11 0202.30.50.81 0202.30.50.83 0202.30.50.85 0202.30.50.87 0202.30.90.11 0202.30.90.41 0202.30.90.43 0202.30.90.45 0202.30.90.47		2 505	Żero	Żero	Minn 12,80 % + EUR 221,10/100 kg sa 12,80 % + EUR 304,10/100 kg	Minn 12,00 % + GBP 185,00/100 kg sa 12,00 % + GBP 254,00/100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2170/oj

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
	05.8402	0210.20.90.11 0210.20.90.91		2 505	Żero	Żero	15,40 % + EUR 303,40/ 100 kg	14,00 % + GBP 253,00/ 100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru
	05.9280	0201.10.00.29 0201.10.00.94 0201.10.00.98 0201.20.20.29 0201.20.20.94 0201.20.20.98 0201.20.30.29 0201.20.30.94 0201.20.30.98 0201.20.50.29 0201.20.50.94 0201.20.50.98 0201.20.90.15 0201.20.90.99 0201.30.00.39 0201.30.00.49 0201.30.00.90 0206.10.95.15 0206.10.95.99		8 619	Mhux applikabbli	Żero	Minn 12,80 % + EUR 141,40/ 100 kg sa 12,80 % + EUR 304,10/ 100 kg	Minn 12,00 % + GBP 118,00/ 100 kg sa 12,00 % + GBP 253,00/ 100 kg	1 ta' Jannar	31 ta' Diċembru

Kategorija ta' merkanzija	Numru tal-ordni tal-kwota	Kodiċi tal-komodità	Pajjiż tal-Oriġini	Kwantità massima annwali (kg) (piż tal-prodott, sakemm mhux indikat mod ieħor)	Rati ta' kwota tal-UE	Rati ta' kwota tar-Renju Unit	Rati barra mill-kwota tal-UE	Rati barra mill-kwota tar-Renju Unit	Perjodu Annwali tal-Kwota	
									Data li fiha tiftaħ il-Kwota	Data li fiha tagħlaq il-Kwota
